

# Albania
## & The Balkan Treasures

**8 t'ijiem**

**01 – 08 t'April (Easter Holidays)**

**POGRADEC, OHRID, ST. NAUM OHRID CITY, MOSCOPOLE, KORÇË, ELBASAN, TIRANA LAKE KOMAN, SHKODËR, BELSH, BERAT, DURRËS U KRUJË**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, *Ikliet, Entraturi u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,100 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,100 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,310 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €910 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**

- Titjira mar-Ryanair
- 20kgs Check-In Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi : dħul fil-Knisja ta' Santa Sofija f'Ohrid, Mużew tal-Ikonografija Onufri f'Berat,
- Moskea tar-Re f'Berat. Biljetti tal-lanċa fil-Lag Koman u x-Xmara Shala
- 3 iljieli - Pogradec Hotel Enkelana 4 stars
- 4 iljieli -Tirana Starlight Hotel 4 stars
- Breakfast kuljum
- 2 ikliet u waħda Ikla Tradizzjonali
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour leader + Gwidi lokali matul l-eskursjonijiet
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Entraturi mhux imsemmija
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

**L-Erbgħa t' 01 April**
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-13.00 għaċ-check in mal-FR6339 li ttir fit-15.20 u naslu Tirana ġewwa l'Albanija għall-ħabta tal-16.50. Transfer bil-kowċ lejn **Pogradec** li jinsab fuq ix-xatt tal-**Lag Ohrid** u huwa magħruf għall-pajsaġġi naturali sbieħ tiegħu. Mal-wasla tagħna fil-Hotel Enkelena 4 stars issir is-sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu.

**Il-Ħamis t' 02 April**
Breakfast u eskursjoni lejn **Ohrid** fejn nagħmlu dawra bil-mixi fil-Belt il-Qadima, belt antika fuq il-Lag Ohrid magħrufa bħala "Jerusalem tal-Balkani" minħabba l-ġmiel u s-siti reliġjużi tagħha. Naraw il-Pjazza ta' San Klement bil-ħwienet u arkitettura tradizzjonali, l' Knisja ta' Santa Sofia, Tejatru Ellenistiku b'veduti spettakolari fuq il-lag, u House of Paper li turi l-istorja tal-kitba u l-papiri f'Ohrid. Ħin liberu għall-ikel u xiri ta' suvenirs. Nkomplu lejn l-Monasteru ta' San Naum, monasteru pittoresk b'arkitettura Bizantina u magħruf għall-mużika tal-kor. Nirritornaw lura l-Hotel.

**Il-Ġimgħa t'03 April**
L-Eskursjoni tal-llum teħodna lejn **Moscopole** (Voskopoja), belt li kienet ċentru kulturali u reliġjuż fil-qedem, magħrufa għall-knisja barokki u djar tradizzjonali Albanizi. Nkomplu lejn Korca, belt storika magħrufa bħala "l-Belt tal-Arti u l-Kultura" fejn inżuru s-suċċess tradizzjonali 'Pazari i ri', il-Katidral Ortodossu u l-Ewwel Skola Albaniza 'Mesonjetorja e pare', li jxandar il-passat edukattiv tal-pajjiż. Ċena tradizzjonali b'platti lokali (mħallsa).

**Is-Sibt t'04 April**
Breakfast u nibdew vjaġġ lejn **Tirana** iżda qabel jkollna waqfa qasira f'**Elbasan** biex naraw il-Kastell tal-qedem b'ħitan imponenti b'arkitettura eċċezzjonali. Mal-wasla tagħna f'Starlight Hotel 4star sistemazzjoni tal-kmamar. Wara jkollna walking tour fejn naraw l' Pjazza Skanderbeg, il-Piramida futuristika, siti reliġjużi bħall-Knisja e Katolika u il-Moskea Et'hem Bey u l-Kastell b'veduti majestużi.



**Il-Ħadd 05 April** *l-Għid it-Tajjeb*
Eskursjoni ta' ġurnata lejn **Koman** fejn jkollna boat trip (mħallsa) fuq il-Lag Koman, fejn il-pajsaġġi naturali jħalltu mal-Alpi Albaniżi, wieħed mill-aktar postijiet pittoreski fil-Balkani. Ħin liberu għall-ikel waqt li ngawdu veduta sabiħa tal-lag . Nkomplu lejn **Shkoder**, belt storika fuq ix-xatt tal-Lag Shkoder, fejn inżuru l-Belt il-Qadima u l-'Ura e Mesit', pont Ottoman antik b'arkitettura sabiħa. Ċena f'Shkoder (mħallsa) u nirritornaw lura l-Hotel.

**It-Tnejn t'06 April**
Breakfast u ġurnata oħra mill-isbaħ lejn **Berat**, izda qabel jkollna waqfa photo stop f'Belsh. Nkomplu lejn Berat fejn nzuru l-kwartieri storici ta' **Mangalem** u **Gorica**, l-kastell u Onufri Iconography Museum. Wara noffrulkom optional wine tasting / ikla tradizzjonali. Nirritornaw lura l-Hotel.

**It-Tlieta 07 April**
Il-ħarġa tal-llum teħodna lejn **Durres**, belt storika fuq il-kosta Adrijatika, fejn iżuru l-Pjazza prinċipali, l-Amfiteatru Rumani u t-Torri Venezjan. Nkomplu lejn **Kruje**, belt antika. Ħin liberu għal xiri ta' suvenirs tradizzjonali mill-Bazaar. Ċena fil- Hotel.

**L-Erbgħa 08 April**
Breakfast u transfer lejn l-ajruport ta' Tirana għat-titjira FR6340 li ttir fis-13.15 u naslu lura Malta fit-14.55.